# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 16**

**Rikors numru 905/15/1 SM**

**Av. Dr. Sarah Sultana kif debitament awtorizzata bhala mandatarja specjali tal-assenti Ahmed Mohamed Ezwawi u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2019 Ronnie Said gie ndikat bhala mandatarju specjali tal-attur appellat in sostituzzjoni tar-rikorrenti Av. Sarah Sultana**

**v.**

**Frank Anthony Cachia**

1. Dan hu appell tal-konvenut mis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-15 ta' Marzu 2018. L-attur f'din il-kawza talab lil Qorti tirrikonoxxi u tiddikjara ezegwibbli s-sentenza moghtija mis-South Tripoli Primary Court -2nd Civil Circuit, Tripoli Libja tal-15 ta' Gunju 2008 u konsegwentement tordna l-ezekuzzjoni taghha f'Malta.

2. Il-konvenut eccepixxa fost affarijiet ohra li s-sentenza ma setghetx tigi ezegwita f'Malta ghaliex it-talba mressqa mill-attur fil-Libja li dwarha nghatat is-sentenza msemmija qatt ma giet notifikata lill-konvenut, u dan peress li kien ilu li qata' kull kuntatt mal-Libja mill-2006. Eccepixxa wkoll illi l-Qorti Libjana ma kellha ebda gurisdizzjoni fil-materja billi l-konvenut ma kienx domiciljat fil-Libja u kien cittadin Malti. Zied ukoll illi s-sentenza mertu tal-kawza hi kuntrarja ghal sentenza ohra deciza precedentement.

3. L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-intimat jippromuovi t-tezi tieghu li ghalhekk l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hi insostenibbli, u dan *ai termini* tal-artiklu 811 tal-Kap 12, (ara foll 27);
>
> "Illi l-artiklu invokat mill-intimat hu l-artiklu 811(b) tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:
>
> > "Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim'Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda millpartijiet li jkollha interess tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:
> >
> > > "Jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet in-notifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza";
>
> "Illi in sostenn tal-istess tezi minnu hawn vantata l-intimat isosstni li:
> Qata' kull kuntatt mal-Libja, (ara foll 27);
>
> "Ma kienx notifikat bis-smigh tal-kawza kondotta l-Libya, (ara foll 27);
>
> "Illi minn ezami tas-sentenza estera in kwistjoni, (ara foll 7), jirrizulta l-oppost, senjatament:
>
> "Li l-intimat kien notifikat, (ara foll 7);

"Li effettivament deher personalment akkompanjat blavukat ta' fiducja tieghu, (ara foll 9);

"Illi konsegwentement anke din it-tieni eccezzjoni tal-intimat ghandha tigi respinta;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-intimat jinvoka wkoll l-inkompetenza tal-qorti Libjana minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni fuq cittadin Malti mhux domiciljat il-Libja;

"Illi tali eccezzjoni tistrieh fuq l-artiklu 811 (d) tal-Kap 12 li jghid is-segwenti:

> "jekk is-sentenza tkun giet moghtija minn qorti inkompetenti minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni kif imsemmi fl-artiklu 741 (a), basta li qabel ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni tal-inkompetenza";

"Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li sat-tieni (2) sentenza estera moghtija fil-konfront tal-intimat datata l-15 ta' Marzu, 2006, (ara foll 83 sa 90), l-intimat kien domiciljat il-Libja, (ara foll 117 u 118); 10

"Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-artiklu 562 tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:

> "Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah";

"Illi ghalhekk, stante li hu l-intimat li qieghed jeccepixxi nnuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qorti de quo fil-konfront tieghu, hu inkombenti fuqu li jipprova li minn Marzu 2006, sal-gurnata tal-ahhar sentenza, dik datata Gunju 2008, griet xi cirkostanza li biha jigi assodat li tilef id-domicilju tieghu;

"Illi f'dan ir-rigward jirrizulta pacifiku li l-intimat ma ressaq l-ebda prova sodisfacenti ta' dak minnu allegat fir-rigward;

"Illi konsegwentement it-telf tad-domicilju tieghu minnhu allegat ma jirrizultax debitament ipprovat;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-intimat jinvoka wkoll il-fatt li sentenza hi kuntrarja ghal sentenza ohra bejn l-istess partijiet;

"Illi tali eccezzjoni tistrieh fuq l-artiklu 811 (h) tal-Kap 12 li jghid is-segwenti:

> "jekk is-sentenza tkun kuntrarja ghal sentenza ohra ta' qabel, deciza bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oggett, u li ghaddiet f'gudikat, basta li l-eccezzjoni ta' *res judicata* ma tkunx giet moghtija u deciza";

> "Illi l-intimat jeccepixxi li s-sentenza li taghha qed tintalab lezekuzzjoni f'Malta, senjatament dik datata l-15 ta' Gunju, 2008, (ara foll 7), hi kuntrarja ghas-sentenza datata l-15 ta' Marzu, 2006, (ara foll 83);
>
> "Illi s-sentenza tal-15 ta' Marzu, 2006, fuq riferita hi appell mis-sentenza datata 30 ta' Marzu, 2005, (ara foll 68);
>
> "Illi jirrizulta assodat li l-kuntrarjeta` rikjamata mill-intimat ma tirrizultax, anzi minflok jirrizulta li s-sentenzi in dizamina mehuda flimkien jiffurmaw edificcju legali solidu u unit, li lintimat ma jistax jikkontradici;
>
> "Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw debitament ipprovati skont il-ligi;
>
> "Illi konsegwentement, anke din l-eccezzjoni tal-intimat ghandha tigi respinta;"

4. Il-konvenut appella u ressaq is-segwenti aggravji:

1. L-ewwel Qorti qieset hazin dak li hemm fis-sentenza tal-15 ta' Gunju 2008 billi effettivament jirrizulta li l-konvenut qatt ma kien notifikat;

2. L-ewwel Qorti assumiet li l-konvenut kien domiciljat fil-Libja ghax ma ppruvax bil-kontra. Dan hu zbaljat billi hemm differenza bejn residenza u domicilju u l-fatt li ghal xi zmien il-konvenut kien residenti l-Libja dan ma jwassalx awtomatikament ghal domicilju;

3. L-ewwel Qorti ma tatx spjegazzjoni ghaliex it-tliet sentenzi fl-atti tal-kawza fosthom l-ahhar wahda dik in kwistjoni kienu jiffirmaw 'edificju

wiehed solidu u unit' meta qed jigi sottomess illi fit-tieni sentenza l-kwistjoni tad-dejn civili kien gia deciz u s-sentenza ghaddiet in gudikat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

5. It-talba ghall-rikonoxximent u ezekuzzjoni tas-sentenza tal-15 ta' Marzu 2006 qed issir skont l-Artikolu 826 tal-Kap. 12. Sentenzi moghtija minn Qorti kompetenti estera (f'dan il-kaz Qorti Libjana) ghandhom jigu enforzati f'Malta bhal sentenzi moghtija minn Qrati Maltin. L-eccezzjonijiet ghal dan il-principju jinsabu fl-Artikolu 827, liema artikolu jghid kif gej:

> (1) "Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan ma għandhomx iseħħu:
>
> "(a) jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-ezekuzzjoni tista'tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811;
>
> "(b) f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaċi skont il-liġi barranija;
>
> "(ċ) jekk is-sentenza fiha xi dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta.
>
> "(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti li tat is-sentenza, tista' tingħata taħt id-dispożizzjoni tal-artikolu 811(d), ukoll jekk dik il-qorti tkun iddeċidiet fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, fil-każ ta' azzjoni kontra persuna li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti sew minħabba d-domiċilju jew ir-residenza tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx qagħdet min rajha għal dik il-ġurisdizzjoni."

6. **L-ewwel aggravju**

Kif gustament irrilevat l-ewwel Qorti l-aggravju dwar in-notifika hu eccezzjoni sollevabbli kontra l-ezekuzzjoni tas-sentenza estera skont Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 li jghid hekk:

> "jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;"

7. Hu pacifiku li sabiex wiehed iqis din l-eccezzjoni cioe` jekk l-appellant giex notifikat bl-atti tal-kawza, irid jittiehed kont tal-ligi applikabbli fil-pajjiz li fiha nghatat is-sentenza b'dan illi l-Qorti li lilha qed jintalab ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tassigura ruhha li gew osservati l-principji ta' gustizzja naturali u ma jkunux gew applikati proceduri li jmorru kontra l-ordni pubbliku Malti (ara **Av. Dr W. Harding ne v. Negt. E. Lucia noe**, (07/01/1932 Vol XXVIII.797; u **Cheshire and North's Private International Law**, 10th Ed. *fol.* 663 *et seq.*).

8. Dan iwassal ghal ezami tal-fatti fl-atti li jirreferu ghan-notifika tal-appellant bil-proceduri kontrih fil-Libja bejn il-kontendenti (kawza nru. 448/2008). *Fol*. 7 tal-process fiha traduzzjoni bl-Ingliz tas-sentenza. Fl-ewwel pagna tas-sentenza hemm il-kliem "*in that the plaintiff raised the present case against the defendant under case plea notified thereto under the law*". Fl-istess sentenza a *fol.* 9 jirrizulta pero` illi fil-kawza la l-appellant u anqas id-difensur tieghu ma dehru u s-sentenza nghatat fl-assenza tieghu.

9. Madankollu meta gew esebiti d-dokumenti bit-traduzzjoni Ingliza tan-notifika tal-atti li saru fis-16 ta' April 2008 (*fol.* 47 tal-process) fl-ewwel pagna hemm il-kliem tal-marixxall "*I have displaced on the date stated above to the domicile place of Francis Cachia resident in Gharghur near the Petroleum hospital in his capacity as defendant*". Dan il-kliem u senjatament '*displaced*' li zgur hi traduzzjoni zbajata tal-kelma uzata fil-lingwa Libjana, ma hiex cara fit-tifsira. F'pagna sussegwenti (*fol.* 49) l-istess kliem hu ripetut din id-darba bid-data tas-smigh cioe` 27 ta' April 2008. Il-kwistjoni pero` tiehu xejra differenti meta fl-ahhar pagna tad-dokument tan-notifika hemm dan li gej:

> *"For information I have displaced to the domicile place of the defendant Mr. Francis Cachia many times and in different times but I did not found him in the address stated in the memorandum and after question and investigation with one the neighbors Mr. Ali Makhloufi Abdullah who answered that the concerned has left this place since long time and we asked an other neighbor who is an Egyptian guardian who answered also that the concerned has left his domicile place since long time; therefore, I decided to inform him administratively according to law."*

10. Hawnhekk il-kelma '*displaced'* tiehu tifsira li l-marixxal 'acceda' fuq il-post indikat ghan-notifika u ma sabx lill-appellant.

11. Jirrizulta ghalhekk illi l-appellant ma giex notifikat bl-atti personalment izda permezz ta' procedura amministrattiva fil-ligi Libjana li biha kawza setghet titkompla ghalkemm l-appellant ma giex notifikat direttament.

12. L-istess appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet quddiem l-ewwel Qorti (*fol*. 127 tal-process) jghid illi l-appellant gie notifikat skont il-ligi procedurali Libjana u tirreferi ghall-ahhar paragrafu tan-notifika f'pagna 50 fil-process fejn jinghad:

> "*it is* ***on Wednesday 16/04/2008 at 11:15AM*** *(enfazi mizjud) me Mohamed Ali Al-Akhdar the bailiff of South Tripoli First Instance Court and for information* ***I moved to South Tripoli Summary Prosecution and I have handed over a copy of the notification to Mrs. Entisar El Ghariani the prosecutor of South Tripoli Summary Prosecution who signed for reception*** *(enfazi mizjud)*." Din tidher li kienet il-forma ta' notifika amministrattiva skont il-ligi Libjana.

Din tidher li kienet il-forma ta' notifika amministrattiva skont il-ligi Libjana.

13. Il-prezunzjoni hi li l-proceduri mehuda fil-Libja saru b'mod legali u korrett skont il-ligi Libjana u dan kif affermat fl-istess sentenza tal-Qorti Libjana. Kien jispetta lill-appellant li jressaq provi li l-procedura amministrattiva ta' notifika kienet tmur kontra l-ordni pubbliku Malti jew li kienet kuntrarja ghal xi principju ta' gustizzja naturali. Ma saret ebda prova li l-procedura ta' notifika skont il-ligi Libjana tmur kontra xi wiehed mill-principji fuq imsemmija u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova din il-Qorti ma ssibx gustifikat l-aggravju tal-appellant u qed tichdu.

**It-tieni aggravju**

14. F’dan l-aggravju l-appellant isostni li l-Qorti Libjana ma kellha ebda gurisdizzjoni fuq l-appellant skont l-Artikolu 811(d) tal-Kap. 12, li jghid hekk:

> “jekk is-sentenza tkun giet moghtija minn qorti inkompetenti minhabba n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni kif imsemmi fl-artikolu 741(a), basta li qabel ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni tal-inkompetenza;”

15. Il-principju f’din il-materja hi illi salv il-prezenza tal-appellant personalment jew tramite rapprezentant awtorizzat fil-proceduri mertu tas-sentenza li qed tintalab l-ezekuzzjoni taghha, trid tigi pruvata li l-appellant kien residenti jew domiciljat fil-pajjiz fejn ittiehdu l-proceduri kontrih. Il-kontumacja tal-appellant, kif jirrizulta f’dan il-kaz anki minn qari tas-sentenza mhix wahedha prova ta’ residenza jew prezenza tieghu fil-proceduri. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Salvatore Camilleri ne v. Spiridione Mizzi**, (25/11/1952, Vol XXXVI.680):

> “Ikun hemm lok li tigi opposta l-inkompetenza tat-tribunal minhabba nuqqas ta’ gurisdizzjoi tal-Qorti li tkun tat is-sentenza, ankorke dik il-Qorti tkun iddecidiet fuq l-eccezzjoni tal-inkompetenza, fil-kazijiet kollha ta’ azzjonijiet kontra persuni mhux suggetti ghall-gurisdizzjoni ta’ dik il-Qorti minhabba d-domicilju jew ir-residenza, kemm-il darba dawk il-persuni ma jkunux volontarjament issottomettew ruhhom ghal dik il-gurisdizzjoni.
>
> “Bil-fatt li l-konvenut quddiem it-tribunal esteru, baqa’ kontumaci, huwa ma jigix li ssottometta ruhu volontarjament ghall-gurisdizzjoni ta’ dak it-tribunal; ghaliex il-kontestazzjoni kontumacjali ma hix sottomissjoni ghat-tribunal esteru, imma ghandha tigi interpretatata bhala oppozizzjoni ghall-kompetenza tat-tribunal esteru.”

16. F’dan il-kaz irrizulta mill-istess riferta tal-marixxall fil-kawza li taghha qed tintalab l-ezekuzzjoni tas-sentenza, illi l-appellant ma giex

notifikat fil-lok fejn saret in-notifika u inoltre jinghad fl-istess riferta illi persuni li tkellem maghhom il-marixxall qalulu li l-appellant kien telaq minn dak l-indirizz zmien twil qabel. Din ir-riferta turi illi fil-mument tan-notifika l-appellant ma kienx jirrisjedi fil-post fejn saret in-notifika.

17. L-appellant pero` fl-affidavit tieghu (*fol.* 118 tal-process) li bl-ebda mod ma gie kontradett jghid li fl-ahhar tal-2006 siefer lura lejn Malta u qatt ma rega' mar lura fil-Libja. Hu jammetti biss li kellu negozju ma' persuni fil-Libja u illi jammetti wkoll li kellu xi kawzi l-Libja mal-appellat pero` dan kien fl-2006. L-istess appellat ukoll jixhed fl-affidavit illi meta saret in-notifika tal-kawza gie infurmat mill-girien tal-appellant li l-appellant kien irritorna f'Malta.

18. L-istess skrittura ta' debitu li fuqha saret il-kawza fil-Libja giet redatta u ffirmata f'Malta fis-sena 2000 u kienet tirreferi ghal negozju bejn il-partijiet fl-1998.

19. Il-Qorti hi tal-fehma illi meta saret il-kawza l-appellant ma kienx jirrisjedi fil-Libja u wisq anqas jirrizulta li kien domiciljat fil-Libja. Ma jirrizultax li l-appellant rega' rritorna fil-Libja mis-sena 2006 'il quddiem. X'sehh qabel cioe` sal-2006 meta fil-kawzi precedenti li saru kontra l-appellant u li fihom deher u ddefenda lilu innifsu ma humiex rilevanti ghall-finijiet ta' dan l-aggravju ghax jirreferu ghal cirkostanzi mbeghdin

b'sentejn mill-fatti li taw lok ghall-proceduri fl-2008. Din il-Qorti ma taqbilx li gie pruvat li l-appellant kien residenti u wisq anqas domiciljat fil-Libja fl-2006. Kull ma jista' jinghad hu li jidher li fl-2006 kellu residenza fil-Libja pero` li sal-2008 din ir-residenza ma kinitx ghadha pruvata li hi fil-Libja.

20. Ghalhekk dan l-aggravju jisthoqqlu jigi milqugh.

21. Billi qed jintlaqa' dan l-aggravju li jxejjen it-talba tal-appellat ma hemmx lok li jigi konsidrat it-tielet aggravju.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Frank Anthony Cachia, u tirrevoka d-decizjoni tal-ewwel Qorti tal-15 ta' Marzu 2018, u tichad it-talbiet tal-appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm